MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2003

Talba Numru. 821/2001/1

**Joseph u Victor Aquilina ghan-nom ta' l-azienda kummercjali Tokyo Japan Enginee Dealer**

**Vs**

**Charles Camilleri**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih is-socjeta attrici talbet il-hlas ta' Lm379.26 (tlett mija u disgha u sebghin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmi) rapprezentanti l-prezz ta' magna ta' vettura mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut ecepixxa "res judicata" fejn esebixxa kopji tas-sentenzi moghtija mill-Qorti per Magistrat Dr. Dennis Montebello.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra li l-eccezzjoni tal-konvenut giet michuda b'sentenza in parti datat 18 ta' Frar 2002.

Ra li l-konvenut ipprezenta eccezzjoni ulterjuri fejn eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148(b).

Ra l-kawza tibqa' differita ghas-sentenza bil-fakolta tal-partijiet li jressqu provi dokumentarji sal-15 ta' Jannar 2003.

Ra li l-konvenut ipprezenta invoice in kwistjoni datat 4 ta' Marzu 1999.

Ra noti ta' osservazzjonijiet li pprezentaw il-partijiet.

Illi skond il-konvenut l-azzjoni giet preskritta b'traskors ta' 18 il-xahar mill-gurnata tal-bejgh.

Illi l-bejgh sar f'Marzu 1999. Illi ghaddew 18 il-xahar fl-4 ta'Novembru 2000. Illi l-kawza Avviz. 820/99DM giet ipprezentata fil-1999 u ghalhekk hemm interuzzjoni tal-preskrizzjoni. Din il-kawza giet ipprezentata fis-27 ta' Awissu 2001 u cioe entro t-terminu.

Il-konvenut jissotometti li billi hu kien liberat mill-osservanza tal-gudizju fil-kawza 820/99DM ghandu japplika l-artikolu 2132 tal-Kodici Civili.

It-Tribunal jisstometti li l-kawza 820/99DM ma kienetx dezerta, rinunzjata jew michuda. Kien hemm liberazzjoni. Ghalhekk l-artiklou 2132 ma japplikax.

Illi inoltre jirrizulta li fil-kawza 820/99DM il-konvenut kien ghamel kontro-talba. Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghal kawza V. Petroni Limited vs Roger Camilleri deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) datat 13 ta' Jannar 1999 fejn intqal li "l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tikkostitwixxi rinunzja tacita ghall-istess preskrizzjoni. Il-preskrizzjoni hi inkompattibli ma' l-eccezzjoni tal-kompensazzjoni. Xejn ma jiswa li l-kompensazzjoni tigi opposta in subordine u bla pregudizzju ghal preskrizzjoni ghax bil-fatt tieghu

stess, il-konvenut li jecepixxi l-kompensazzjoni jigi li jirrinunzja ghall-preskrizzjoni li hu ma jistax isalva b'semplici riserva. Ghalhekk l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mhix aktar ammissibbli jekk il-konvenut in segwitu ghaliha jopponi l-kompensazzjoni. Principji dawn li japplikaw hemm jekk l-oppozizzjoni tat-tfacija ssir mill-konvenut permezz ta' eccezzjoni u a foriori jew issir b'sostenn ta' kontro-talba …. dan ghaliex il-konvenut ikun qed jippretendi li hu kreditur ta' l-attur f'ammont li jkun jeccedi dak li hu jsostni li ma kienx ghadu minnu dovut ghax hu preskritt".

Ghaldaqstant it-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Billi ma hemmx eccezzjonijiet ohra u t-talba attrici hija gustfikata, jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz (15 ta' Settembru, 2001).

--------------------------------TMIEM--------------------------------